5) Hemm "attività economika" anki meta l-addebitu tas-servizzi pubbliċitari lill-organizzazzjonijiet subordinati jseħħ fil-forma ta' kontribuzzjoni, li l-ammont tiegħu jiddependi, minn naħa, minn numru tal-membri ta' l-organizzazzjonijiet subordinati in kwistjoni, u min-naħa l-oħra minn numru tad-deputati eletti minnhom?

6) Fil-kuntest tal-kwistjoni dwar jekk hemmx attività ekonomika, is-sussidji mill- fondi pubbliċi li ma jaqgħux taħt id-dħul taxxabbli [bħal per eżempju l-finanzjamenti tal-partiti skond il-Kärntner Parteienförderungsgesetz (Liġi fuq l-iffinanzjar tal-partiti tal-Karinzja)] għandhom jitqiesu f'ċertu sens li huma vantaġġi ekonomiċi?

7) Fil-każ li l-hekk imsejħa "pubbliċità esterna", meqjusa fiha nnfisha, tkun attività ekonomika fis-sens ta' l-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva, iċ-ċirkustanza li l-attività ta' relazzjonijiet pubbliċi u r-reklamar elettorali huma karatteristika ċentrali ta' l-attività tal-partiti politiċi u huma kundizzjoni *sine qua non* għall-implementazzjoni ta' għanijiet politiċi u programmi tipprekludi attività bħal din milli tiġi kklasifikata bħala "attività ekonomika"?

8) L-attivitajiet ipprovduti mir-rikorrenti, iddefiniti bħala "pubbliċità esterna", huma tat-tip li jitqabblu ma' l-attività mwettqa minn uffiċċji kummerċjali pubbliċitarji fis-sens ta' l-Anness D (Numru 10) tas-Sitt Direttiva jew il-kontenut tagħhom jikkorrispondi magħhom? Fil-każ fejn din id-domanda tingħata risposta fl-affermattiv, fid-dawl ta' l-istruttura tad-dħul u ta' l-infiq fil-perijodu li jirrigwarda l-kawża preżenti, il-firxa ta' l-attività mwettqa tista' tiġi kklassifikata bħala "mhux insinjifikanti"?

(1) ĠU L 145, p. 1.

## Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ċeka

**(Kawża C-294/08)**

(2008/C 247/07)

*Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: B. Schima u M. Šimerdová, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ċeka

### Talbiet

— tikkonstata li

— billi rrikjediet, fir-reġistrazzjoni ta' vettura importata, li għaliha l-approvazzjoni teknika skond it-tip ta' vettura ġiet stabbilita fi Stat Membru ieħor, li l-vettura tissodisfa, fid-data ta' l-approvazzjoni teknika, ir-rekwiżiti tekniċi applikabbli f'din l-istess data fir-Repubblika Ċeka u

— billi rrikjediet, fil-każ ta' l-inosservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet, test tal-vettura, li fil-kuntest tiegħu hija tivverifika l-konformità tal-vettura mal-ħtiġijiet tekniċi applikabbli għall-kategorija tal-vettura kkonċernata fir-Repubblika Ċeka fid-data tal-manifattura tal-vettura,

ir-Repubblika Ċeka naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 28 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

— tikkundanna lir-Repubblika Ċeka għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni tal-vetturi individwali wżati importati fir-Repubblika Ċeka minn Stati Membri oħra fejn kienu ġew irreġistrati huma rregolati fid-dritt Ċek mil-Liġi Nru 56/2001 Sb (1). L-Artikolu 35(1) u (2) tal-Liġi Nru 56/2001 Sb. jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li fihom tista' tiġi rreġistrata fir-Repubblika Ċeka vettura wżata importata individwalment, li għaliha l-approvazzjoni teknika skond it-tip ta' vettura ġiet stabbilita fi Stat Membru ieħor.

L-awtoritajiet Ċeki jirrikonoxxu l-konformità mal-leġiżlazzjoni Ċeka ta' tali vettura jekk il-vettura, is-sistemi tagħha, il-komponenti tagħha jew il-partijiet tekniċi distinti tagħha jissodisfaw, fid-data ta' l-approvazzjoni teknika skond it-tip ta' vettura fi Stat Membru ieħor ta' l-UE, il-kundizzjonijiet tekniċi fis-seħħ fir-Repubblika Ċeka fl-istess data u stabbiliti f'dispożizzjoni applikabbli (Artikolu 35(1) tal-Liġi Nru 56/2001 Sb.).

Fis-sitwazzjoni fejn il-vettura, is-sistemi tagħha, il-komponenti tagħha jew il-partijiet tekniċi distinti tagħha ma jkunux issodisfaw, fid-data ta' l-approvazzjoni teknika skond it-tip ta' vettura fi Stat Membru ieħor ta' l-UE, il-kundizzjonijiet tekniċi fis-seħħ fir-Repubblika Ċeka fl-istess data u stabbiliti f'dispożizzjoni applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar il-konformità mal-leġiżlazzjoni teknika fuq il-bażi tar-rapport tekniku stabbilit minn ċentru ta' kontroll tekniku. Dan l-aħħar għandu jistabbilixxi rapport tekniku jekk il-vettura tissodisfa l-kundizzjonijiet tekniċi fis-seħħ fir-Repubblika Ċeka għall-kategorija ta' vettura partikolari fid-data tal-manifattura tal-vettura (Artikolu 35(2) tal-Liġi Nru 56/2001 Sb.).

Konsegwentement, jirriżulta mid-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 35(1) u (2), tal-Liġi Nru 56/2001 li l-approvazzjoni teknika tal-vetturi wżati kollha li għalihom Stat Membru ieħor diġà stabbilixxa ċertifikat ta' konformità mal-leġiżlazzjoni teknika skond it-tip ta' vettura, hija dejjem suġġetta għal kontroll ġdid taħt id-dritt Ċek. Fl-opinjoni tar-Repubblika Ċeka, dan l-approċċ jmur kontra l-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija, li skond dan il-merkanzija li titqiegħed fis-suq b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru għandha tiġi aċċettata fis-suq ta' l-Istati Membri l-oħra kollha. Il-leġiżlazzjoni Ċeka bl-ebda mod ma tikkunsidra r-riżultat tal-kontrolli tekniċi magħmula fuq l-istess vettura fi Stat Membru ieħor, u għalhekk tmur kontra l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/96/KE.

Kif jirriżulta mill-elementi msemmija iktar 'il fuq, il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li l-leġiżlazzjoni Ċeka hija miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva u tmur kontra l-Artikolu 28 tat-Trattat KE. Din il-miżura ma twassalx sabiex tipproteġi s-saħħa u tal-ħajja tal-persuni, jew ta' l-ambjent u lanqas ma tikseb is-sigurtà fit-toroq, u b'hekk mhix ġustifikata fir-rigward ta' l-Artikolu 30 tat-Trattat KE jew tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

(1) Liġi Nru 56/2001 Sb., dwar il-kundizzjonijiet tal-moviment tal-vetturi fit-toroq u li temenda l-Liġi Nru 168/1999 Sb., dwar l-assigurazzjoni għar-responsabbiltà għad-dannu kkawżat mis-sewqan ta' vettura u dwar emendi f'diversi liġijiet relatati (liġi dwar l-assigurazzjoni għar-responsabbiltà għas-sewqan ta' vettura), kif emendata mil-Liġi Nru 307/1999 Sb.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht München (Il-Ġermanja) fit-8 ta' Lulju 2008 — Zino Davidoff S.A. vs Bundesfinanzdirektion Südost

**(Kawża C-302/08)**

(2008/C 247/08)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Finanzgericht München

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Zino Davidoff S.A.

*Konvenuta:* Bundesfinanzdirektion Südost

### Domanda preliminari

L-Artikolu 5(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet (1), għandu jiġi interpretat fid-dawl ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Protokoll ta' Madrid, fis-sens li, minkejja l-użu tal-kunċett ta' "trade mark Komunitarja", dan jinkludi wkoll ir-reġistrazzjonijiet internazzjonali ta' trade marks skond l-Artikolu 146 *et seq* tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1992/2003 tas-27 ta' Ottubru 2003?

(1) ĠU 2003 L 196, p. 7.

## Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Bundesverwaltungsgericht (Il-Ġermanja) fit-8 ta' Lulju 2008 — Metin Bozkurt vs Land Baden-Württemberg

**(Kawża C-303/08)**

(2008/C 247/09)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Bundesverwaltungsgericht

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Metin Bozkurt

*Konvenuta:* Land Baden-Württemberg

*Parti l-oħra fil-kawża:* Ir-rappreżentant ta' l-interessi tal-Federazzjoni tal-Bundesverwaltungsgericht

### Domandi preliminari

1) Id-dritt ta' xogħol u ta' residenza miksub, bħala membru tal-familja, mill-konjuġi ta' ħaddiem Torka li huwa legalment irreġistrat fis-suq tax-xogħol ta' Stat Membru, skond it-tieni inċiż ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija (ARB 1/80), jibqa' fis-seħħ anke wara li jiġi xolt iż-żwieġ?

   Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda:

2) Il-fatt li ċittadin Tork jinvoka, permezz ta' l-ex mara tiegħu, dritt ta' residenza bbażat fuq it-tieni inċiż ta' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-It-Turkija (ARB 1/80), meta l-imsemmi ċittadin Tork ikun stupra u weġġa' lil mara tiegħu wara li kiseb dan l-istatus u ġie kkundannat għal sentejn priġunerija għal dan ir-reat, jikkostitwixxi abbuż ta' dritt?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fid-9 ta' Lulju 2008 — Zentrale zur Bekämpfung des unlauteren Wettbewerbs e.V. vs Plus Warenhandelsgesellschaft mbH

**(Kawża C-304/08)**

(2008/C 247/10)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof